# KAPPELLI U KNEJJES F'GĦAJNSIELEM

minn D. Karm Cassar

Ir-raħal ta' Għajnsielem mill-qedem kien mogħni, anzi ngħid imbierek, b'tant kappelli, li żgur jixhdu r-reliġjożita' ta' niesna, tant li l-istess siti megalitiċi li jinsabu fih ma huma xejn għajr turija ta' ċentri qodma reliġjużi.



Nassumi li l-ewwel kappella li ġiet mibnija kienet dik ta' Santa Ċeċilja V.M. li tinsab qrib il- Heliport fit-triq li tifred ir-raħal tax-Xewkija ma dak ta' Għajnsielem. Hi ħasra kbira għall-istorja ta' artna, li, filwaqt li llum isemmu b'tant insistenza u nostalġija l-qedem ta' wirtna, iħallu mbagħad kappella tant qadima hekk traskurata u żdingata għall-aħħar.

Qabilha jew warajha, (ma nafx ngħid) inbniet dik iddedikata lil Sant'Elija fejn aħna mdorrijin insejħulu "Sant Eliju" u fejn sa ftit taż-żmien ilu konna għadna naraw jidhru qishom xi pedimenti. Ma' din il-kappella kien hemm magħquda superstizzjoni, li kontra tagħha l-Kap. F. Mizzi kien spiss iwissi lill-parroċċani tiegħu. Xi ommijiet li kien ikollhom xi trabi morda kienu jieħdu lil dawn it-trabi fejn darba kien hemm din il-kappella u jitolbu hemm lil Sant'Elija b'xi kliem simili: "Sant Elija ibdilli din it-tarbija għax mhix tiegħi". Din kienet is-superstizzjoni li kontra tagħha kien iċanfar il-kappillan.

Iż-żona ta' Sant' Elija kienet tagħmel parti mill-parroċċa tax-Xewkija, kif kienet ukoll il-kappella ta' S. Ċeċilja. Jingħad li l-istatwa ta' Sant' Elija, li jgħidu li kien hemm f'din il-kappella, inġabret fix-Xewkija.

Kappella oħra f'Għajnsielem, iddedikata lil San Martin Isqof, kienet dik tat-Torri ta' Garzes li kien mibni fuq xaqliba taż-Żewwieqa. Jingħad ukoll, li billi din iż-żona kienet tagħmel man-Nadur, il-kwadru ta' San Martin ġie meħud fin-Nadur.

Kappelli oħra mbagħad ta' żmienna kienu fil-Forti Chambrai. Waħda kienet iddedikata lis-Sagra Familja, (Sptar Mentali), oħra iddedikata (jidhirli) lil San Bartilmew Appostlu fil-Lebrożarju, fejn jien kont qaddist l-ewwel quddiesa privata l-għada ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi u kien hemm kappella oħra fl-appartament tas-Sorijiet tal-Karita', li kienu jservu lill-morda bil-lebbra. Dawn it-tliet kappelli, għax kien spiċċa l-użu tagħhom fil-Forti Chambrai, ġew trasferiti għal sptarijiet oħra.

Żewġ kappelli oħra, qodma u storiċi, li nassumi ġew mibnija mal-Belt stess ta' Chambrai, huma waħda tar-"Roman Catholics" u oħra tac-"Church of England". Ngħid għalija jien waħda biss rajt minnhom u tneħħa jew aktarx insteraq is-salib tal-kavallieri li, sa ftit taż-żmien ilu, kien għadu jidher fuq il- ponta ta' waħda mill-faċċati ta' dawk il-kappelli hekk qodma u storiċi.

F'Għajnsielem tinsab kappella oħra grazzjuża ħafna ddedikata lill-Patrijarka San Ġużepp, meqjum fl-istitut il-Qadim "Casa di San Giuseppe". Kappella oħra tinsab fid-dar Teresa Spinelli tas-Sorijiet Agostinjani ddedikata lil Ommna Marija tal-Buon Kunsill. Tinsab oħra sabiħa ħafna wkoll f'Lourdes Home, u oħra fid-dar Ġużeppa Debono.



Dan in-numru ta' tant kappelli, imferrxin fl-inħawi kollha ta' Għajnsielem, li xi wħud minnhom huma knejjes prinċipali, li juru li Ġesu' Ewkaristija hu meqjum, ħa ngħidu hekk, f'kull rokna tal-parroċċa tagħhna. Ma rridx ninsa li nsemmi kappella oħra, qadima u storika li tinsab fil-Gżira ta' Kemmuna, iddedikata "lir-Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu għal Nażaret". L-aħħar kappella li ġiet mibnija f'Għajnsielem hi dik li tinsab fiċ-Ċimiterju tal-parroċċa tagħna, iddedikata lill-Madonna tad-Duluri.

Wara li semmejna d-diversi kappelli, ngħaddu biex insemmu l-knejjes allokati fir-raħal ta' Għajnsielem. Dawn huma erba'. L-eqdem waħda ddedikata lill-Madonna



ta' Loretu, li llum aħna insejħulha "Il-Knisja l-Qadima". Din għandha għamla ta' salib latin, mibnija fuq stil Doriku. It-tieni waħda, mibnija fuq stil Gotiku, iddedikata lill-Immakulata ta' Lourdes. It-tielet knisja hi dik tal-patrijiet Franġiskani Minuri, iddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova, knisja, li kif jaf kulħadd, sabiħa u dekorata sew, mibnija wkoll f'għamla ta' salib u li kif kiteb dwarha P. Gorg Aquilina O.F.M: *"Nistgħu ngħidu li l-pjanta tagħha hija ta' Wigi Vella" (Il-Franġiskani, f'Għajnsielem) "li, mill-bidu sat-tmien kullimkien jidher bħala l-persuna responsabbli Patri Cesal".* L-aħħar knisja li ġiet mibnija, kważi fi żmienna, hi dik iddedikata lil Marija Santissma Lawretana, ipproġettata u mibdija fi zmien il-Kap. Frangisk Mizzi u mwassla sat-tmiem mill-ex Arċ. Mons. Epedito Tabone. Din ta' l-aħħar hi mibnija fuq stil Gotiku inspirat mil-Lombard, ipproġettata mill-Ing. Ark. Ugo Mallia, u sallum għadna nsejħulha "Il-Knisja l-Ġdida jew il-Kbira". F'Għawdex tinsab knisja oħra inspirata mil-Lombard, dik iddedikata lill-Madonna ta' Pinu fuq stil Romano Lombard.

Kważi kulħadd jaf x'inhu 'Stil Gotiku' (Gothic Style) iżda, forsi mhux tant hu magħruf minna x'inhu 'Lombard'. Nibda biex ngħid, li meta fittixt fl-istorja ta' l-Arkitettura, l-isem 'Lombard Style' ma sibtux, imma sibt fil-'History of Architecture on the Comparative Method' l-isem ta' l-arkitett famuż Pietro Lombard (A.D. 1435-1515) li kien iben ta' familja, li impressjonat bil-personalità tagħha fl-arkitettura l-belt ta' Venezja (ivi page 633) fejn ukoll jissemma' "il-Palazzo Vendramini" li għandu semi-circular 'quasi-Gothic windows' allura dejjem hu korrett meta jingħad li xi knisja hi mibnija fuq għamla ta' inspirazzjoni Lombarda.

Għall-ġieħ ta' l-istorja hu xieraq li ngħidu li l-Arkitett Mallia u l-kappillan Fco. Mizzi żaru l-Belt ta' Loretu biex jagħtu lill-knisja ġdida tagħna xeħta tal-Bażilka famuża Lawretana.

Nagħlaq dan l-artiklu tiegħi billi insemmi summatim il-qisien tal-knisja l-Ġdida. Din il-knisja mill-bieb il-kbir sat-twieqi tal-kor għandha medda ta' 200 pied u 4 pulzieri. Kull kappellun hu twil 57 pied. Allura, iż-żewġ kappelluni flimkien mat-30 pied wisa' tal-korsija maġġura ikopru medda ta' 144 pied; iċ-ċirkonferenza tal-koppla hija ta' xi 30 pied u l-għoli tagħha hu ta' xi 85 pied.

Il-korsija maġġura u ż-żewġ Navi fihom medda ta' 88 pied. L-għoli tal-knisja (dejjem minn ġewwa) hu ta' ċirka 55 pied. Il-knisja għandha 22 arkata ta' xi 10 piedi wiesa' kull waħda, tnax minnhom jinsabu fil-korsija, 8 fil-kappelluni u 2 oħra ġol-kor. Jinsabu fiha tliet artali ta' rħam u hija iddekorata bi 8 niċeċ mibnija fil-ħitan. Il-Kor hu twil xi 57 pied. Jidher li l-knisja għad jonqosha xi forma ta' niċċa għall-Madonna s-Sewda li tkun tifforma l-prospettiva tal-Kor. Għandha numru kbir ta' kapitelli maġġuri u numru ikbar ta' ordni minuri.

Il-kampnar miz-zuntier 'il-fuq hu għoli 200 pied, jiġifieri kważi t-tul kollu tal-knisja minn ġewwa. Miz-zuntier sal-bidu tal-balavostri hemm għoli ta' xi 55 pied u l-koppla kif ġa għedna hija għolja xi 85 pied.

Kien l-Isqof Nikol G. Cauchi li bierek u inawgura din il-knisja (1978) u ikkonsagraha hu ukoll (1989), iżda kien Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi li bierek l-ewwel ġebla (1924) u l-aħħar waħda wkoll, jiġifieri dik tal-kampnar (1979), filwaqt li l-ex-Arċipriet, Mons Espedito Tabone wassal il-bini tagħha fit-tmien, l-Arċipriet attwali, il-Kan. Dun Ġużepp Zerafa kompla t-tiżjin tagħha minn ġewwa b'diversi opri tant meħtieġa u sbieħ.





# It-Torri ta' Mġarr ix-Xini

*minn Marija Grima*

Il-lokalità ta' Għajnsielem hija sinonima mal-baħar. Dan mhux biss minħabba li l-istess raħal beda jixxettel u jikber ma' l-iżvilupp tal-port ta' l-Imġarr, iżda wkoll minħabba li l-kosta kennija tiegħu, li testendi mill-port ta' Mġarr ix-Xini sa Ħondoq ir-Rummien, tikkonstitwixxi madwar għoxrin fil-mija tal-kosta aċċessibbli tal-gżira Għawdxija. Fost il-wirt arkeoloġiku u arkitettoniku t'Għajnsielem insibu t-Torri ta' Mgarr ix-Xini, li hu wieħed mill-fortifikazzjonijiet ta' Żmien il-Kavallieri. Billi l-għejun abbundanti ta' l-ilma ħelu jinsabu ftit 'il ġewwa mix-xtajtiet u mid-daħliet ta' dawn l-inħawi, il-Mislem u l-ħallelin tal-baħar kienu ta' spiss iżuruhom għall-provista ta' l-ilma tax-xorb għal fuq ix-xwieni tagħhom. Dan wassal lill-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann sabiex matul is-seklu 18 ikomplu jinvestu aktar fil-bini ta' fortifikazzjonijiet u difiżi mal-medda tal-kosta tal-lokalità ta' Għajnsielem, filwaqt li f'ebda ħin ma abbandunaw iż-żewġ torrijiet tas-seklu 17, jiġifieri Torri Garzes (1607) ut-Torri ta' Mġarr x-Xini (1661).

Waħda mil-leġġendi ta' missirijietna tirrakkonta kif, fl-1551, l-irdumijiet inaċċessibbli u l-baħar iżraq li jikkatterizzaw il-port ċkejken ta' lmġarr ix-Xini servew ta' tejatru għat-traġedja katastrofika ta' l-Assedju tat-Torok immexxi minn Sinam Pasha u Torgħud Racis (magħruf bħala Dragut), assedju li għamel ħerba sħiħa mill-gżira t'Għawdex. Il-Kanonku Gian Piet Agius De Soldanis jikkonferma li "Ras in-Newwiela" ġiet imsemmija hekk peress li t-Torok użaw dawn l-inħawi sabiex jgħabbu lill-ilsiera Għawdxin fuq l-iġfna tagħhom.

Hawn ikun opportun jekk nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-iżvilupp tal-fortifikazzjonijiet kostali matul is-seklu 17. Bejn l-1607 u l-1620, permezz tal-ġenerożita tal-Granmastru Martino Garzes (1595-1601) u ta' Alof de Wignacourt (1601-22), l-Ordni bniet l-ewwel seba' torrijiet kostali fil-gżejjer Maltin: tnejn f'Għawdex, wieħed fuq Kemmuna u erbgħa f'Malta. Kienu binjiet massivi u maħsubin sabiex jospitaw gwarniġjun numeruż ta' suldati li jkunu kapaċi jirreżistu lill-iġfna tal-għadu milli jersqu lejn il-bajjiet rispettivi u jikkumbattu lill-istess suldati li jirnexxilhom jisbarkaw. Kif mistenni, huma kellhom il-funzjoni ewlenija li jgħassu l-kosta u hekk kif jinnutaw il-preżenza tal-għadu qrib il-gżejjer tagħna jallarmaw lill-Ordni. Biex jisparaw l-kanuni li kienu jitpoġġew fuq il-bejt ta' dawn it-torrijiet, kien ikun hemm stazzjonati ġo fihom numru ċkejken ta' għassiesa li kienu mmexxija minn Kastellan jew Bumbardier li kellu salarju ta' 36 skud fis-sena.

L-inġinier militari Mederiko Blondel ippjanta l-bini tat-torri ta' Mġarr ix-Xini u dan inbena u tlesta f' Ġunju ta' l-1661. Il-ġebel użat huwa ħafna ikbar minn dak li kien jintuża fil-bini domestiku. Hawnhekk ninnutaw biss li l-ġebliet tax-xewka fihom medja ta' ħames piedi tul, żewġ piedi u nofs wisa' u kważi pied għoli. Il-bażi kwadra tat-torri fiha 38 pied bi 38 pied u fih għoli ta' 48 filata. Minn ġewwa t-torri fih żewġ kmamar, waħda fuq l-oħra li fihom biss ħmistax-il pied u nofs twal u tnax-il pied wiesgħin. Il-kamra t'isfel, li fiha żewġ rewwiħat, għandha s-saqaf tagħha magħmul minn ħnejjiet u xorok. Il-kamra ta' fuq hi ferm ogħla u s-saqaf tagħha hu mibni bit-teknika tat-troll. Ta' min jinnota li l-ħxuna tal-ħitan tat-torri hi ta'

*jkompli fil-paġna li jmiss*

